



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

13934/23

SOC 667
EMPL 475

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 13175/23	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Protezzjoni Soċjali għall-ħaddiema li jaħdmu għal rashom

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq approvati mill-Kunsill EPSCO fil-laqgħa tiegħu li saret fid-9 ta' Ottubru 2023.

Protezzjoni soċjali għall-Ħaddiema li jaħdmu għal rashom

Konklużjonijiet tal-Kunsill

FILWAQT LI JOIS LI:

1. Fit-8 ta' Novembru 2019, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom¹ (minn hawn 'il quddiem "ir-Rakkomandazzjoni").
2. Ir-Rakkomandazzjoni tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-prinċipju nru 12 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR), ipproklamata b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fl-2017, li jipprevedi li, irrispettivament mit-tip u d-durata tar-relazzjoni ta' impjieg tagħhom, il-ħaddiema kollha u, f'kundizzjonijiet komparabbli, kull min jaħdem għal rasu, għandhom id-dritt għal protezzjoni soċjali adegwata.
3. Il-kuntest Ewropew wara l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni kien ikkaratterizzat l-ewwel mill-pandemija tal-COVID-19, li bdiet fl-2020. Il-pandemija kellha impatt ekonomiku u soċjali qawwi, imma minħabba rispons politiku b'saħħtu u kkoordinat ħafna kemm fil-livell Ewropew kif ukoll fil-livell nazzjonali (inkluż żieda fil-kopertura, miżuri u nfq eċċezzjonali ta' appoġġ), is-sistemi ta' protezzjoni soċjali għenu lin-nies jegħlbu l-kriżi tal-COVID-19 mingħajr aktar żidiet sostanzjali fir-riskju tal-faqar jew l-inugwaljanzi fl-introjt.

¹ ĠU C 387, 15.11.2019, p. 1.

4. It-tieni, il-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna mibdija fl-2022 huma elementi oħra tal-kuntest li fih tista' tiġi vvalutata l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni. Din il-gwerra, bħall-kriżijiet kollha, tolqot bl-aktar mod serju lill-gruppi l-aktar vulnerabbli u ssaħħaħ il-ħtieġa li jkun hemm fis-seħħ politiki soċjali li jgħinu biex jitnaqqsu l-effetti negattivi msemmija qabel.
5. Fl-2021, il-Kummissjoni ppreżentat il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, maħsub biex jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-EPSS.
6. Il-miri ewlenin il-ġodda tal-Pjan ta' Azzjoni tal-EPSS tal-UE li għandhom jintlaħqu sal-2030 intlaqgħu tajjeb mill-mexxejja tal-UE fid-Dikjarazzjoni ta' Porto u fil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2021.
7. It-taqsimha 18 tar-Rakkomandazzjoni tipprovdi li *"sal-15 ta' Novembru 2020, il-Kummissjoni għandha, b'mod konġunt mal-Komitat tal-Protezzjoni Soċjali, tistabbilixxi qafas ta' monitoraġġ u tiżviluppa indikaturi maqbula komuni, kemm kwantitattivi kif ukoll kwalitattivi, biex tivvaluta l-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni, li jippermettu r-rieżami tagħha"*.
8. Il-qafas ta' monitoraġġ għall-valutazzjoni tal-progress lejn l-oġettivi ewlenin tar-Rakkomandazzjoni mħejjija mill-Komitat tal-Protezzjoni Soċjali f'Ottubru 2020 jinkludi indikaturi biex jitkejlu l-kopertura formali, il-kopertura effettiva u l-adekwatezza tal-benefiċċji għat-tipi kollha ta' ħaddiema fil-fergħat rilevanti tal-protezzjoni soċjali. Jinkludi wkoll indikaturi tas-suq tax-xogħol biex titkejjel id-diversità fl-istatus tas-suq tax-xogħol u indikaturi dwar in-normi li jirregolaw l-intitolamenti u l-kontribuzzjonijiet. Jindika wkoll li huwa previst aktar titjib biex isir monitoraġġ aħjar tal-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għal min jaħdem għal rasu madwar l-Istati Membri tal-UE.

9. Fit-taqsima 19 tar-Rakkomandazzjoni, l-Istati Membri ġew mistiedna biex sa nofs Mejju 2021 iressqu pjan nazzjonali li jistabbilixxi l-miżuri korrispondenti għall-implimentazzjoni tal-prinċipji tar-Rakkomandazzjoni. Barra minn hekk, il-progress miksub fl-implimentazzjoni ta' dawk il-pjanijiet għandu jiġi diskuss fil-kuntest tal-istrumenti ta' sorveljanza multilaterali f'konformità mas-Semestru Ewropew u l-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni għall-Protezzjoni Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali.
10. L-ewwel ħarsa ġenerali lejn il-pjanijiet nazzjonali mressqa mill-Istati Membri ġiet inkluża fir-Rapport Annwali tal-2021 tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2022.
11. Ir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għal dawk li jaħdmu għal rashom² (minn hawn 'il quddiem "ir-Rapport tal-Kummissjoni") jindika li l-livell ta' ambizzjoni jvarja sostanzjalment bejn l-Istati Membri, u jirrifletti ċ-ċirkostanzi u l-preferenzi nazzjonali. Jikkonkludi wkoll li għadhom jeżistu bosta differenzi fl-aċċess għall-protezzjoni soċjali.

². COM/2023/43 final, Rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għal dawk li jaħdmu għal rashom, 31.1.2023.

FILWAQT LI JAGĦRAF LI:

12. L-Istati Membri qed jippjanaw jew diġà qed iwettqu, fejn huwa xieraq, riformi strutturali bil-għan li tiġi implimentata r-Rakkomandazzjoni, spiss iffukati speċifikament fuq it-titjib tas-sitwazzjoni ta' dawk li jaħdmu għal rashom.
13. Xi gruppi għandhom aktar probabbiltà li ma jkollhomx protezzjoni milli oħrajn, pereżempju ħaddiema mhux standard u dawk li jaħdmu għal rashom. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill biex jingħalqu l-lakuni għall-ħaddiema kollha u għall-persuni li jaħdmu għal rashom, dawn il-konklużjonijiet jiffukaw fuq il-ħaddiema li jaħdmu għal rashom bħala grupp li f'ħafna Stati Membri jiffaċċja lakuni kbar fil-protezzjoni³.
14. Fl-2022,⁴ kien hemm 27.7 miljun persuna li jaħdmu għal rashom fl-UE, li jammontaw għal 13.7 % tal-popolazzjoni f'impjieg. 18.9-il miljun minn dawk li jaħdmu għal rashom ma jħaddmu lil ħadd magħhom. Barra minn hekk, madwar 3.3 miljuni minnhom kellhom klijent wieħed biss (jew wieħed dominanti), inkluż madwar 770 000 li għalihom dan il-klijent kien jiddefinixxi s-sigħat tax-xogħol tagħhom.

3. COM/2023/43 final, Rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għal dawk li jaħdmu għal rashom, 31.1.2023, "Sejbiet Ewlenin" (p. 2 u 3)

4. Stħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol tal-UE fl-2022, Eurostat.

15. Kif hemm imsemmi fir-Rapport tal-Kummissjoni, f'aktar minn nofs l-Istati Membri dawk li jaħdmu għal rashom ma kinux koperti mill-fergħat kollha tal-protezzjoni soċjali fl-2022. Skont l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri, aktar minn 15-il miljun persuna li jaħdmu għal rashom fl-UE ma għandhomx aċċess għall-benefiċċji tal-qgħad f'każ ta' waqfien mill-attivitajiet⁵.
16. L-aċċess volontarju tal-persuni li jaħdmu għal rashom għas-sistemi tal-protezzjoni soċjali huwa konformi mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, iżda d-data fir-rapport tal-Kummissjoni tindika li f'dawk l-Istati Membri fejn il-parteciċipazzjoni fl-iskemi tal-protezzjoni soċjali hija volontarja għal dawk li jaħdmu għal rashom, ir-rati tal-parteciċipazzjoni f'xi wħud mill-iskemi huma baxxi.
17. F'xi wħud mill-Istati Membri, in-normi li jirregolaw l-intitolamenti u l-kontribuzzjonijiet, kif imsemmija fil-punt 9 tar-Rakkomandazzjoni, huma ta' żvantaġġ għal dawk li jaħdmu għal rashom, u ma jħalluhomx jirċievu kopertura effettiva u adegwata⁶.
18. Ir-rapport tal-Kummissjoni jikkonferma li, f'ħafna Stati Membri, it-trasferimenti soċjali huma essenzjali biex jitnaqqas ir-riskju tal-faqar u li l-miżuri biex jiġi żgurat aċċess adegwat għall-protezzjoni soċjali jista' jkollhom impatt pożittiv fuq is-sitwazzjoni ta' dawk li jaħdmu għal rashom⁷.
19. It-trasparenza fir-rigward tal-informazzjoni mogħtija mill-amministrazzjonijiet pubbliċi dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali hija essenzjali minħabba l-kumplessità tar-rekwiżiti għall-aċċess għall-benefiċċji, li jaffettwaw bl-aktar mod serju lil dawk f'forom mhux standard ta' impjeg u lil dawk li jaħdmu għal rashom⁸.

5. COM/2023/43 final, Rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għal dawk li jaħdmu għal rashom (data bbażata fuq informazzjoni li pprovdew 12 minn 13-il Stat Membru).

6. COM/2023/43 final, Rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għal dawk li jaħdmu għal rashom, 31.1.2023, Punt 2.3.1 Diskrepanzi fil-Kopertura effettiva (p. 16 u 17).

7. COM/2023/43 final, Rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għal dawk li jaħdmu għal rashom, 31.1.2023, Punt 2.4.1 Diskrepanzi fl-Adegwatezza (p. 20 u 21).

8. COM/2023/43 final, Rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għal dawk li jaħdmu għal rashom, 31.1.2023, Punt 2.5.1 Trasparenza – L-aċċess għall-informazzjoni (p. 25 - 27).

FILWAQT LI JENFASIZZA LI:

20. Skont ir-Rapport tal-Kummissjoni, *"Il-livell ġenerali ta' ambizzjoni fl-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni jvarja b'mod sinifikanti u, bi ftit eċċezzjonijiet, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ma għandhomx l-għan li jindirizzaw id-diskrepanzi eżistenti kollha fl-aċċess għall-protezzjoni soċjali. Huma meħtieġa sforzi ulterjuri ta' implimentazzjoni biex jiġu indirizzati d-diskrepanzi eżistenti, u l-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, flimkien mal-kriżi tal-enerġija approfondita li tirriżulta, jintensifikaw l-urġenza li tittieħed azzjoni."*
21. Fost ir-riformi li diġà twettqu jew li huma ppjanati mill-Istati Membri biex jiproteġu lil min jaħdem għal rasu, jistgħu jiġu enfasizzati dawk li jipprovdu aċċess għal benefiċċji fir-rigward ta' inċidenti fuq il-post tax-xogħol u mard ikkaġunat mix-xogħol, benefiċċji tal-qgħad jew tal-waqfien mill-attività, benefiċċji tad-diżabilità u pensjonijiet⁹.
22. Skont ir-Rapport tal-Kummissjoni, fil-pjanijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali tagħhom, madwar nofs l-Istati Membri hađu jew haġbru miżuri biex itejbu l-adekwatezza tal-iskemi tal-protezzjoni soċjali, b'mod partikolari fir-rigward tal-pensjonijiet għal min jaħdem għal rasu¹⁰.

⁹. COM/2023/43 final, Rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għal dawk li jaħdmu għal rashom, 31.1.2023.

¹⁰. COM/2023/43 final, Rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għal dawk li jaħdmu għal rashom, 31.1.2023, – "Sejbiet Ewlenin" (p. 2).

23. Barra minn hekk, ħafna Stati Membri adottaw miżuri dwar il-kopertura formali u effettiva ta' ċerti gruppi, li normalment ikollhom aċċess limitat għall-protezzjoni soċjali, imfassla biex iwieġbu għall-ħtiġijiet li rriżultaw matul il-kriżi tal-COVID-19¹¹.
24. Il-pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza ta' għadd konsiderevoli ta' Stati Membri jinkludu riformi u investimenti biex jitjieb l-aċċess għall-protezzjoni soċjali, bħalma huma miżuri biex jiġu żgurati t-trasparenza, l-adekwatezza, l-aċċess effettiv u l-aċċess formali¹².
25. Id-data tal-Eurostat turi li dawk li jaħdmu għal rashom jinsabu f'riskju ogħla ta' faqar mill-ħaddiema f'forom standard ta' impjieg. Dan huwa l-każ b'mod speċjali għal dawk li jaħdmu għal rashom waħedhom. B'riżultat ta' dan, it-trasferimenti soċjali huma saħansitra aktar kruċjali biex jitnaqqas ir-riskju tal-faqar fost dawk li jaħdmu għal rashom.
26. Il-protezzjoni soċjali ta' dawk li jaħdmu għal rashom hija partikolarment rilevanti fil-proċess attwali tat-trasformazzjoni tal-modi tax-xogħol. Illum il-ġurnata, għadd sostanzjali ta' persuni jikkombinaw l-impjieg dipendenti mal-impjieg indipendenti jew jaqilbu bejniethom. Il-mobbiltà transfruntiera f'każ ta' telexogħol u xogħol fuq pjattaforma diġitali tista' toħloq sfidi għal dawk li jaħdmu għal rashom li jeħtieġ li jiġu indirizzati.

¹¹. Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2022, kif adottat mill-Kunsill fl-14 ta' Marzu 2022 u COM/2023/43 final, Rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għal dawk li jaħdmu għal rashom, 31.1.2023.

¹². COM/2023/43 final, Rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għal dawk li jaħdmu għal rashom, 31.1.2023. ANNESS: Karatteristiċi ewlenin tal-pjanijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali (NIPs) dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali (u aġġornament).

27. Filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi u l-ispeċifikitajiet nazzjonali, aspett ieħor li jista' jistħoqqlu l-attenzjoni huwa l-aċċess ta' dawk li jaħdmu għal rashom għal skemi ta' protezzjoni soċjali komplementari.

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI,
F'KONFORMITÀ MAL-KOMPETENZI NAZZJONALI U B'KONT MEĦUD TAĊ-
ĊIRKOSTANZI NAZZJONALI, BIEX:**

28. Ikomplu jwettqu miżuri tal-pjanijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali u jieħdu aktar passi biex jagħlqu l-lakuni li fadal u jiżguraw l-effikaċja tal-prinċipji ta' kopertura formali u effettiva, adegwatezza u trasparenza kif imfissra fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom.
29. Fejn ikun meħtieġ, jadattaw ir-regoli dwar il-kontribuzzjonijiet, dwar l-aċċess għall-benefiċċji u dwar l-intitolamenti biex jippermettu aċċess effettiv għal benefiċċji adegwati għal min jaħdem għal rasu.
30. Jindirizzaw, fejn ikun xieraq skont iċ-ċirkostanzi nazzjonali, il-lakuni eżistenti fl-iskemi nazzjonali rigward l-aċċess tal-persuni li jaħdmu għal rashom għall-protezzjoni soċjali, speċjalment f'fergħat fejn jeżistu l-akbar lakuni, bħall-benefiċċji tal-qgħad, il-benefiċċji tal-mard, l-inċidenti fuq il-post tax-xogħol u l-mard ikkaġunat mix-xogħol.

31. Jiżguraw li l-iskemi jipprovdu livell adegwat ta' protezzjoni lil dawk li jaħdmu għal rashom fil-mument opportun u skont iċ-ċirkostanzi nazzjonali, jipprovdu l-mezzi biex jinżamm standard tal-ġhajxien deċenti kif ukoll sostituzzjoni xierqa tal-introjtu, u dejjem iżommuhom milli jsibu ruħhom fil-faqar.
32. Fejn ikun rilevanti, itejbu t-trasparenza tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali, b'mod partikolari billi jxerrdu l-informazzjoni u jqajmu kuxjenza kif ukoll billi jadottaw miżuri biex jiffaċilitaw id-diġitalizzazzjoni tal-protezzjoni soċjali li tkun faċli biex tintuża, waqt li jqisu l-ispeċifikitajiet ta' dawk li jaħdmu għal rashom u jnaqqsu d-distakk diġitali, b'attenzjoni partikolari għall-gruppi b'livelli baxxi ta' litteriżmu (diġitali, amministrattiv u ekonomiku) u għall-persuni b'diżabilità.
33. Jirriflettu dwar modi kif isaħħu l-aċċess għall-protezzjoni soċjali u jagħlqu l-lakuni li fadal, fejn ikun meħtieġ, bl-involviment ukoll tas-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.
34. Jiżguraw ġbir adegwat ta' data fil-livell nazzjonali kif ukoll osservazzjoni kontinwa tal-miżuri maħsuba biex jestendu l-protezzjoni soċjali. Jappoġġaw il-parteċipazzjoni nazzjonali fis-Sistema ta' Informazzjoni Reċiproka dwar il-Protezzjoni Soċjali (MISSOC), inkluż l-inklużjoni ta' informazzjoni rilevanti dwar dawk li jaħdmu għal rashom.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI BIEX:

35. Tiddissemina r-Rapport tagħha dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom, u tippromwovi d-dibattitu dwar il-protezzjoni soċjali tal-persuni li jaħdmu għal rashom bejn l-Istati Membri, is-Sħab Soċjali Ewropej, kif ukoll fil-fora internazzjonali rilevanti.
36. Tissorvelja l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew u taħdem flimkien mal-Istati Membri għat-titjib tal-komparabbiltà tad-data madwar l-Istati Membri tal-UE.
37. Tkompli taħdem b'mod komprensiv mal-Istati Membri u mal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali fuq il-monitoraġġ u l-indikaturi għall-implimentazzjoni effettiva tar-Rakkomandazzjoni kif ukoll tibda skambji ta' prattiki tajbin u evalwazzjonijiet bejn il-pari bil-ħsieb li tistimula t-tagħlim fost l-Istati Membri.

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA JISTIEDEN LILL-KUMITAT TAL-
PROTEZZJONI SOĊJALI BIEX:**

38. Ikompli jinkludi fir-rapporti rilevanti u l-ħidma tematika tiegħu l-iżvilupp fl-aċċess għall-protezzjoni soċjali tal-ħaddiema kollha inkluż dawk li jaħdmu għal rashom, f'kooperazzjoni, fejn ikun meħtieġ, ma' kumitati rilevanti oħra.
39. Ikompli jaqdi r-rwol speċifiku tiegħu fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill fid-dimensjonijiet kollha tagħha u f'konformità mal-mandat tiegħu.
40. Jaħdem f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni lejn l-iżvilupp ulterjuri tal-qafas ta' monitoraġġ dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali.
41. Iqis il-possibbiltà li jmexxi reviżjonijiet tematiċi bejn il-pari u skambji regolari ta' informazzjoni bħala appoġġ għall-implimentazzjoni effettiva tar-Rakkomandazzjoni.
